# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Mejju, 2019**

**Kawza Numru : 24**
**Rikors Guramentat Numru : 1158/2018/LSO**

**Josephine Anne sive Joanna Busuttil ID.256264M**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors Guramentat ta' Josephine Anne sive Joanna Busuttil datat 21 ta' Novembru 2018 fejn bil-gurament taghha kkonfermat s-segwenti fatti:

Illi r-rikorrenti twieldet fit-tlieta u ghoxrin ta' April tas-sena elf, disa' mija u erbgha u sittin (23.04.1964) u dan skont certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok A;

Illi *stante* l-perjodu li l-esponenti twieldet fih, il-genituri tal-esponenti kienu rregistrawha bhala "Josianne (Josephine Anne) Spiteri", anke jekk huma minn dejjem kienu jirreferu ghaliha u jghajtulha bhala **"Joanna"** u dan kif jirrizulta proprju mill-anness dokument (blood group) mahrug mill-Blood Transfusion Centre ftit snin wara li twieldet, kif ukoll mis-santa tal-precett illi l-genituri taghha ghamlu sabiex jikkommemoraw din l-okkazzjoni (Dok B);

Illi effettivament u kif huwa ben evidenzjat mill-annessi dokumenti, li jikkonsistu f' certifikati tal-edukazzjoni, santi tal-ewwel tqarbina, *birthday cards*, l-invit tat-tieg tar-rikorrenti, dokumenti ufficjali bhal karta tal-identita', *credit cards*, kotba tal-banek mahruga mis-sena 1968 sal-lum (komplessivament immarkati Dok C), l-esponent kienet konsistentament maghrufa bhala Joanna tul hajjitha;

Illi ghaldaqstant, kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi, l-esponenti ilha sa mit-twelid taghha maghrufa bl-isem Joanna; u fil-fatt anke ghall-istituzzjonijiet Maltin u l-Universita` ta' Malta u l-Ministeru tal-Edukazzjoni fejn tahdem, hija kienet dejjem maghrufa b'dan l-isem;

Illi ghaldaqstant, l-esponent tixtieq li l-att tat-twelid taghha, jigi korrett biex jirrifletti r-realta` tal-fatt u l-istat ta' fatt li r-rikorrenti ilha tghix sa mit-twelid taghha;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna*; ai termini* tal-artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tiddikjara li l-isem korrett tar-rikorrenti huwa "Joanna Busuttil";

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-atti tat-twelid tar-rikorrenti u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega kemm fl-atti tat-twelid, kif ukoll f' kull att iehor relattiv u sussegwenti inkluz dak taz-zwieg u dan sabiex isimha jigi indikat u tkun maghrufa bhala "Joanna Busuttil", kull fejn ikun hemm mehtieg;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet f'isem ir-rikorrenti kull fejn jirrizulta u jkun hemm il-htiega.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat ingunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-5 ta' Frar 2019.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 4 ta' Jannar 2019 (fol 22) fejn l-Avukat Neil Harrison ghan-norn u in rapprezentanza tal-istess Direttur, bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :

1. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent jistqarr illi ma huwiex edott mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi l-esponent umilment jirrileva illi ghat-talbiet kif dedotti huwa jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f’ ghajnejn il-ligi u dan sabiex tkun imsahha l-pozizzjoni tar-rikorrenti u cioe' illi tul hajjitha hija kienet konsistentament msejha bhala 'Joanna' u mhux 'Josephine Anne';

3. Illi bla hsara ghal fuq espost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti *stante* li fil-kaz *de quo,* fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', l-informazzjoni inserita kienet iddikjarata u kkonfermata minn missier ir-rikorrenti. Ghaldaqstant, dan juri bic-car illi fil-kaz odjern ma jirrizultax illi kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u b’hekk l-esponent ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Hamis, 28 ta' Frar 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet, l-attrici prezenti fl-Awla. Dr Noella Sciriha prezentat nota b'zewg affidavits 'seduta stante’, u ghaddiet kopja tal-istess lid-difensur tal-kontro-parti, u ddikjarat li ma kellhiex aktar provi. Dr Ellul iddikjarat li ma kellhiex aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Marzu 2019 fid-9:30a.m.

Rat il-verbal tat-28 ta' Marzu 2019 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2019 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fid-29 ta' Novembru 2018 (fol 21).

Illi r-rikorrenti qed titlob li isimha fl-att tat-twelid taghha jigi korrett, billi l-isem "Josephine Anne" jigi sostitwit b' "Joanna."

Illi fil-mertu, r-rikorrenti ghandha tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kienet u hija maghrufa konsistentement bl-isem "Joanna". Ghal dan il-ghan, esebiet diversi dokumenti li jikkonfermaw il-veracita' tat-talba taghha, kif hi stess ukoll affermat fl-affidavit taghha esebit fl-atti.

L-istess gie kkonfermat minn Mary Mcnamara, li tahdem mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, u ilha taf lir-rikorrenti ghall-ahhar tletin sena u tafha bl-isem Joanna.

Fid-dawl tal-affidavits u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija soddisfatta li r-rikorrenti rnexxielha tipprova li ilha

konsistentement maghrufa sa minn tfulitha bl-isem “Joanna”, u t-talba taghha hija ghalhekk gustifikata u ghandha tintlaqa'.

Izda, taqbel mal-intimat, li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid, billi jidher minn Dok DRP1 esebit mar-risposta, li l-informazzjoni inserita kienet iddikjarata minn missier ir-rikorrenti. Ghalhekk, taqbel mal-intimat, li m’ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta’ dan il-kaz.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti ser tilqa’ l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti billi huma gustifikati.

Ikkunsidrat, li in ottemperanza mad-digriet datat 3 ta’ Mejju 2019, *ai termini* tal-Artikolu 173 tal-Kap 12, giet esebita kopja legali tal-Att taz-Zwieg numru 659/1987.

Referibbilment ghat-tielet talba din ma saritx fit-termini tal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha sabiex jigi riservat ghar-rikorrenti il-possibilta` li tiddeduci talbiet ulterjuri in gudizzju jekk ikun il-kaz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi filwaqt li tastjeni mit-tielet talba attrici ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza, tilqa’ l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti, u konsegwentement tiddikjara li hija kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem “Joanna”.

Konsegwentement tordna lill-intimat sabiex jikkoregi l-att tat-twelid numru elfejn, hames mija u tnejn u sittin tas-sena elf, disa' mija u erbgha u sittin (2562/1964), u l-att taz-zwieg, numru 659/1987 b'mod li l-isem "Josianne Josephine Anne", jigi sostitwit bl-isem "Joanna".

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku skont l-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Mejju, 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju 2019**